MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KEVIN MOMPALAO

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 19/2011

Adrian Azzoppardi

Vs
Terence Bate u b'nota tad-disa (9) ta' Frar ta' l-elfejn u tnax (2012) qed jassumi l-atti Dr. Joshua Grech fl-assenza tal-konvenut u b'ordni tat-Tribunal moghtija fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Marzu ta' l-elfejn u tnax (2012) giet ordnata korrezzjoni fl-okkjo fis-sens illi Dr. George Hyzler assuma l-atti tal-kawza minflok il-konvenut Terence Bate li jinsab temporanjament imsiefer. U permezz ta' verbal tas-sitta (6) ta' Gunju ta' l-elfejn u tnax (2012) Terence Bate rega assuma l-atti f'ismu.

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu Adrian Azzoppardi talab illi l-konvenut Terence Bate jigi kkundanant ihallas is-somma ta' elf u sebghin ewro (€1070) dovuti lilu kwantu ghas-somma ta' disgha mija u disghin ewro (€990) spejjez

inkorsi minnu kagun ta' hsarat fil-bastiment tieghu bl-isem Galaxy in segwitu ghal kollizzjoni marittima li sehhet fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar ta' l-elfejn u ghaxra (2010) fil-Yacht Marina ta' l-Imgarr Ghawdex meta l-bastiment ta' l-istess konvenut habat mal-bastiment ta' l-attur meta z-zewg bastimenti kienu sorguti fl-istess Marina u kwantu ghas-somma ta' tmenin ewro (€80) spejjez inkorsi minn l-attur ghal survey report dwar il-hsarat u fejn minkejja li gie interpellat diversi drabi ghal hlas ta' l-istess, il-konvenut baqa inadempjenti. Dan bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-hmisatx (15) ta' Gunju ta' l-elfejn u hdax (2011) bl-interessi kontra l-konvenut.

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-konvenut ma ntavolax risposta formali.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema x-xhieda bil-gurament u ra t-traskrizzjonijiet ta' l-istess xhieda.

Fis-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju ta' l-elfejn u tnax (2012) gie muri l-holqa illi nqalghet u li kienet il-kawza ta'dan l-incident, liema holqa tinsab fotografata fid-dokument TB6.

Ra d-digriet u l-verbali kollha tieghu nkluz dak tas-sitta (6) ta' Gunju ta' l-elfejn u tnax (2012) illi permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi din il-kawza titratta minn habta bejn zewg opri tal-bahar waqt li dawn kienu sorguti fil-Marina ta' l-Imgarr Ghawdex. Illi f'din il-kawza, l-konvenut ma dahhalx risposta formali. Izda jidher illi huwa kkontesta t-talbiet ta' l-attur u anke inkariga avukat biex jaghmel dan u anke inkariga lil min jassumi l-atti minfloku  fl-assenza tieghu minn dawn il-gzejjer.  Minkejja li ma' gietx prezentata  risposta formali, jinghad illi quddiem dan it-Tribunal ma' hemmx lok ghal kontumacja meta jidher illi l-konvenut kellu interess jikkontesta t-talba ta' l-attur u effettivament jaghmel dik il-

kontestazzjoni b’ mod diligienti. Dan kif ghamel il-konvenut f’dan il-kaz.

Kif graw il-fatti ma hemmx u lanqas jista jkun hemm kontestazzjoni. Iz-zewg bastimenti ossia *pleasure boats* huma imdaqqasa. Jirrizulta illi fid-data ta’ l-incident wiehed miz-zewg rabtiet illi kien hemm fuq il-poppa tal-bastiment tal-konvenut ceda b’mod illi l-bastiment tal-konvenut ma kienx ghadu aktar sikur u habat ma’ dak ta’ l-attur. Ir-raguni ghalfejn ceda dan l-irbit kien minhabba illi l-holqa bil-parti ta’ warajjha b’kollox, illi kien hemm marbuta mall-puntun kienet fi stat relattivament hazin minhabba s-sadid u nqalghet minn postha.

Jidher illi l-kontestazzjoni principali hija dwar min ghandu jerfa r-responsabilita ghal dan l-incident. Filwaqt illi l-attur Adrian Azzopardi jghid illi huwa l-konvenut, min naha l-ohra l-konvenut jitfa r-responsabilita ta’ l-incident fuq l-awtoritajiet marittimi li huma nkarigati milli jipprovdu servizz ta’ irmigg fil-Yacht Marina.

L-incident u l-hsara spjegati minn l-attur huma konfortati mix-xhieda tal-prokuratur legali Anthony Stellini illi dakinhar kien il-Kuntistabbli tal-Pulizija illi mar fuq il-post. Dan il-kuntistabbli jikkonferma l-hsara illi ra b’ghajnejh. Il-hsara hija wkoll kkonfermata minn Mario Mifsud il-persuna illi attwalment sewwiet l-istess hsara. It-Tribunal ma tantx ihoss illi ghandu jaghti affidabilita lix-xhieda ta’ John Vella. Jidher illi xehed b’mod partiggjan ghal ahhar tant illi jasal biex jghid illi ma’ ra l-ebda hsara fuq il-bastiment ta’ l-attur meta jirrizulta illi tali hsara kienet tant notevoli.

Illi t-Tribunal jaghti importanza lil dak li xhed Teddy Cauchi, ufficjali kordinatur ghal portijiet u Yacht Marinas ghad-Direttorat tal-Yacht Marinas f’Ghawdex meta jghid illi ftit zmien qabel il-konvenut innifsu kien mar jilmenta fl-ufficju tieghu illi wahda mil-holoq kellha bzonn tinbidel. Huwa jghid illi mhux cert dwar iz-zmien meta kien mar il-konvenut jaghmel dan l-ilment. Jghid pero illi l-holqa nbidlet u il-konvenut gie infurmat b’dan u mitlub sabiex malajr kemm jista jkun jorbot kemm jista jkun. Dan kollu, ix-xhud Teddy Cauchi qalu fis-seduta tas-seba (7) ta’

Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011). Fix-xhieda li rega' ta fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) Teddy Cauchi jghid illi z-zmien kien fil-Harifa tas-sena elfejn u disgha (2009). Jghid illi ma jiftakarx min cempel lill-konvenut jew lil min kien jehodlu hsieb sabiex hall l-irbit minn fuq il-holqa l-qadima ghal fuq il-holqa l-gdida. Jiftakar pero li t-telefonata saret mill-ufficju tieghu u fil-prezenza tieghu. Jghid illi Frans Mifsud u Joseph Attard kienu kkuntatjaw lil John Vella biex jiehu hsieb it-trasferiment minn holqa ghal ohra.

Frans Mifsud, ufficjal tal-*maintenance* fi hdan l-Awtorita tat-Trasport ta' Malta jikkonferma illi Terence Bate kien ressaq l-ilment illi l-holqa li maghha kien marbut kienet fi stat hazin. Frans Mifsud jikkonferma illi l-holqa l-gdida saret l-ghada ta' l-ilment minnu stess.

Il-konvenut jichad kategorikament illi huwa xi darba qatt mar ilmenta dwar din il-holqa. Rinfaccat b'dawn iz-zewg verzjonijiet opposti, t-Tribunal ihoss li la Teddy Cauchi u lanqas Frans Mifsud, zewgt ufficcjali fl-Awtrotia Marittima ta' Malta, bl-ewwel wiehed ikun ta' kariga gholja, ma' kellhom motiv ghalfejn jivvintaw storja illi l-konvenut mar ressaq dan l-ilment maghhom meta dan fil-fatt ma' kienx minnu. In oltre t-Tribunal ihoss illi l-konferma ta' l-ilment tinstab fil-fatt innifsu illi Frans Mifsud verament mar ghamel holqa gdida minflok dik li kienet hazina u dan qabel ma' gara l-incident. Ghalhekk dan it-Tribunal ihoss illi ghandu jaghti aktar affidabilta lil din l-verzjoni minn li lill-verzjoni tal-konvenut.

Galadarba kien jaf illi l-holqa li maghha kien marbut il-bastiment ma kinitx wahda affidabli minhabba li l-parti ta tahtha kienet imsadda sew u kienet fir-riskju li se tinqala minn mal-pontun, kien jispetta lill-konvenut li jara kfi jirrimedja s-sitwazzjoni u in oltre jezercita dik id-diligenza necessarja sabiex galadarba kienet wehlet holqa gdida, iholl l-irbit minn fuq il-qadima ghal fuq dik il-gdida. Ma hijiex skuza illi l-konvenut kien assenti minn dawn il-gzejjer. Aktar u aktar meta jirrizulta illi huwa affida f'persuni ta' fiducja tieghu biex jehdulu hsieb l-imbarkazzjoni tieghu.

It-Tribunal jemmen illi anke kieku ghal grazzja ta' l-argument il-konvenut ma kienx jaf bl-istat hazin illi fih kienet il-holqa li kien marbut maghha, l-konvenut xorta kellu r-responsabilita illi bhala bonus pater familias ikun jaf l-istat ta' l-irmigg tad-dghajsa tieghu u li jassikura li dan ma jkunx ta' hsara ghal terzi. L-irmigg ma kienx wiehed sod u kien jispetta lill-konvenut li jiehu dawk il-passi kollha inkluz jekk hemm bzonn ma jibqax marbut ma' dak l-irmigg. Dan qed jinghad kollu fid-dawl tal-fatt illi minn dak li gie muri dan it-Tribunal kien jidher car illi l-vit ta' din il-holqa kien imsaddad sew u ma kienx f'kundizzjoni tajba. Dan anke mad-daqqa ta' ghajn u ghal min mhux tekniku (Vide Doc.TB6).

Illi in oltre minn avviz legali wiehed u sebghin (71) ta' l-elf disgha mija tnejn u disghin (1992) applikabbli fiz-zmien ta' l-incident ir-responsabilita ghal-irmiggjar taqa f'idejn il-kaptan u s-sid tal-yacht. (Artikolu 6 (2) u Artikolu 9) (Illi dawn l-artikolu bl-istess numru taghhom baqghu l-istess fil-ligi sussidjarja 352/10). A bazi ta' dan kollu t-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut huwa l-persuna li ghandu jerfa r-responsabilita ghal dawn l-incident.

Illi dwar id-danni jinghad illi dawn huma kkonfermati. Huwa minnu illi s-survey report jikkwantifika d-danni f'ammont inqas minn dak reklamat fil-kont ta' min sewwa d-dghajsa izda gie spjegat illi l-hsarat zejda bdew ifiggu aktar tard, per konsegwenza tax-xogholijiet illi bdew isiru. Fil-fatt huwa kaz risaput illi kwalunkwe survey report ikun wiehed approssimattiv u ma jeskludix danni illi setghu kienu mhux daqstant apparenti ghal min kien qieghed jaghmel l-istess survey. Fil-kaz odjern dawn id-danni gew sodisfacentament ippruvati lil dan it-Tribunal, u ma humiex kontradetti.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet ta' l-attur, jikkundanna lill-konvenut ghal hlas ta' elf u sebghin ewro (€1,070) bl-interessi legali kontra l-konvenut mid-data ta' din is-sentenza. L-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-hmistax (15) ta' Gunju ta' l-elfejn u hdax (2011) ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------